MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 1/2005/1

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**v.**

**Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Gunju 2008 li cahdet it-talbiet tal-attur u kkundannatu jhallas l-ispejjez gudizzjarji kollha hlief dawk relattivi ghat-tieni eccezzjoni li ghandha thallashom is-socjeta` konvenuta.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“F’din il-kawża l-kummissarju attur qiegħed ifittex għad-danni għal ħsara li jgħid illi ġarrab bi ħtija tas-soċjetà konvenuta.

“L-attur fiċ-ċitazzjoni jgħid illi bejn it-13 u l-14 ta’ Settembru 2003 is-soċjetà konvenuta ħalliet makkinarju goff parkeġġjat fejn mhux suppost, qrib id-daħla fejn id-dipartiment ta’ l-attur għandu l-*customer care unit* u l-*cash office*. Fil-15 ta’ Settembru 2003 għamlet ħafna xita li qalbet il-makkinarju ta’ l-attriċi. Dan sadd il-mogħdija ta’ l-ilma li daħal b’qawwa fil-bini tad-dipartiment u għarraq u għamel ħsara lill-apparat u l-attrezzi fil-fond. Il-ħsara ġiet tiswa tlittax-il elf, ħames mija u sittax il-lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm13,516.73) – daqs wieħed u tletin elf, erba’ mija u ħamsa u tmenin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€31,485.51).

“Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuta, b’ittra uffiċjali tat-23 ta’ Ġunju 2004, biex tagħmel tajjeb għall-ħsara, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

“1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-attur tlittax-il elf, ħames mija u sittax il-lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm13,516.73) bħala danni;

“2. tillikwida f’dik is-somma d-danni li għandha tħallas il-konvenuta; u

“3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-23 ta’ Ġunju 2004, u l-imgħax.

“Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. iċ-ċitazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għax l-ewwel u t-tieni talbiet huma kontradittorji;

"2. it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni ma jistgħux jintlaqgħu għax ma hemmx talba għal dikjarazzjoni illi l-konvenuta hija responsabbli għad-danni illi l-attur igħid illi ġarrab;

"3. L-inċident ma seħħx bi ħtija tas-soċjetà konvenuta; u

"4. l-inċident seħħ minħabba forza maġġuri li ma tweġibx għalih is-soċjetà konvenuta.

"L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet huma ta' natura preliminari, u għalhekk inqisu dawk l-eċċezzjonijiet qabel ma nidħlu fil-meritu tal-kawża.
"L-ewwel żewġ talbiet, aktar milli kontradittorji, huma ripetittivi, għax l-ewwel talba trid illi l-qorti tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti tlittax-il elf, ħames mija u sittax il-lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm13,516.73) bħala danni waqt illi t-tieni talba trid illi l-qorti tillikwida fl-istess somma d-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-konvenuta, li hija l-istess ħaġa.

"Madankollu, dak li qiegħed jitlob l-attur huwa ċar u ma huwiex il-każ illi l-qorti tgħid illi ċ-ċitazzjoni ma tiswiex, iżda billi saret talba żejda l-ispejjeż żejda għandu f'kull każ iħallashom l-attur.

"It-tieni eċċezzjoni tgħid illi t-talbiet ta' l-attur ma jistgħux jintlaqgħu għax ma hemmx talba għal dikjarazzjoni illi l-konvenuta hija responsabbli għad-danni illi l-attur igħid illi ġarrab.

"Ma humiex meħtieġa kliem jew formuli sagramentali fit-tfassil tat-talbiet, sakemm il-kawżali u t-talbiet huma ċari. Meta l-attur qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi l-konvenuta għandha tħallas id-danni qiegħed effettivament jitlob ukoll illi l-qorti tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb, jew "hija responsabbli", għad-danni.

"It-tieni eċċezzjoni hija fiergħa u hija miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.

"Il-fatti seħħew hekk:

"Is-soċjetà konvenuta kienet il-kuntrattur imqabbad biex jagħmel xogħlijiet biex iħaffer trinek biex jitqiegħdu kanen ta' l-ilma fi triq quddiem l-uffiċċji tal-konvenut. Għal dan ix-xogħol kien meħtieġ makkinarju x'aktarx tqil; dan inġieb fuq il-post fit-13 ta' Settembru 2003 u kellu jibqa' għal aktar minn jum wieħed; għalhekk matul il-lejl kien jitħalla parkeġġjat fit-triq.

"Ġara li fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Settembru għamlet ħafna xita: il-volum ta' ilma li niżel kien straordinarju, ta' darba kull mitt sena[1]. L-ilma ġarr kull ma kien hemm fit-triq, fosthom xi karrozzi u wkoll gaffa tal-konvenuta, li tkaxkret għal xi tliet metri għalkemm tiżen disa' tunnellati[2]. Kif ġiet il-gaffa meta tkaxkret fixkel il-wied ta' l-ilma li beda jinġema', daħal fl-uffiċċji ta' l-attur u għamel ħafna ħsara.

"Il-qorti, wara li qieset ix-xiehda, hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda nuqqas jew ħtija tas-soċjetà konvenuta li setgħu wasslu għall-ħsara, li seħħet biss minħabba fil-qilla ta' l-elementi u forza maġġuri. Ma ntweriex illi l-makkinarju tal-konvenuta tqiegħed fil-post bla għaqal, jew tħalla hemm aktar milli meħtieġ; fil-fatt, l-attur stess ilmenta aktar dwar l-inkonvenjent li l-makkinarju mħolli wara l-bieb ta' l-uffiċċji ħoloq għall-impjegati tiegħu u għall-pubbliku milli dwar biża' ta' xi perikolu[3]. Barra minn hekk, l-ilma tax-xita kaxkar mhux biss il-makkinarju tal-konvenuta iżda wkoll il-karrozzi ta' terzi, u ma jidhirx li kien biss il-makkinarju tal-konvenuta li fixkel il-mogħdija ta' l-ilma.

"Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-ħsara seħħet minħabba forza maġġuri li għaliha ma tweġibx is-soċjetà konvenuta, u għandu jbatiha l-attur[4].

---

[1] Ara x-xiehda ta' Mark Vella Gera fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2008, *foll.* 105 *et seq.*

[2] Ara x-xiehda ta' Charles Polidano fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2008, *fol.* 110.

[3] Ara x-xiehda ta' Oliver Vassallo mogħtija b'*affidavit* maħluf fis-7 ta' Jannar 2008, *fol.* 74.

[4] Art. 1029, Kod. Ċiv.

“Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta’ l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha ħlief dawk relativi għat-tieni eċċezzjoni, li għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.”

**Appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

L-attur hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fl-1 ta’ Lulju 2008.

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant fiz-zewg sentenzi huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti ma kkunsidratx illi n-ness principali biex sehhet il-hsara kien illi l-gaffa tkaxkret tliet metri fi triq dejqa u ostakolat il-perkors tal-ilma.

2. L-ewwel Qorti injorat xhieda mressqa mill-attur li qalu lill- kuntrattur biex inehhi l-makkinarju minn hemm u li kienu ser jiehdu passi kontrih.

3. L-ewwel Qorti injorat il-klawsola tal-Memorandum ghall-Permessi TP4 ta’ l-ADT li “makkinarju u ekwipaggament zejjed, jew li mhux qed jintuza ghandu jigi mnehhi minn fuq il-post tax-xoghol”.

4. Illi l-agir tas-socjeta` konvenuta kien dak li fil-fatt ikkaguna l-hsara ghax kieku l-gaffa ma thallietx fit-triq in vjolazzjoni tal-obbligi taghha l-hsara ma kienitx tirrikorri.

Ghalhekk l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tirrevokaha fil-kumplament taghha u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta u tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

**Risposta tas-socjeta` konvenuta appellata**

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat ir-risposta taghha fejn wiegbet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata. Qalet li l-attur mhux qed jaqbel ma' l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti izda kif inhu risaput din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba dan l-apprezzament hlief ghal ragunijiet gravi u impellenti. L-aggravji relattivi tal-appellant imbaghad gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnha premessi, is-socjeta` konvenuta talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Fatti**

F'din il-kawza l-attur qiegħed ifittex għad danni minhabba ħsara li jgħid illi ġarrab bi ħtija tas-soċjeta` konvenuta meta dahal ilma fl-ufficcji tad-Dipartiment. Is-socjeta` konvenuta min naha taghha eccepiet li l-incident sehh minhabba forza magguri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-incident sehh minhabba forza magguri. Hi ikkonkludiet hekk:

"Il-Qorti, wara li qieset ix-xhieda, hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda nuqqas jew ħtija tas-soċjeta` konvenuta li setgħu wasslu għall-ħsara, li seħħet biss minħabba fil-qilla tal-elementi u forza maġġuri. Ma ntweriex illi l-makkinarju tal-konvenuta tqiegħed fil-post bla għaqal, jew tħalla hemm aktar milli meħtieġ; fil-fatt, l-attur stess ilmenta aktar dwar l-inkonvenjent li l-makkinarju mħolli wara l-bieb tal-uffiċċji ħoloq għall-impjegati tiegħu u għall-pubbliku milli dwar biża' ta' xi perikolu. Barra minn hekk, l-ilma tax-xita kaxkar mhux biss il-makkinarju tal-konvenuta iżda wkoll il-karozzi ta' terzi, u ma jidhirx li kien biss il-makkinarju tal-konvenuta li fixkel il-mogħdija ta' l-ilma".

Essenzjalment, fl-appell tieghu, l-appellant qed isostni li hsara ma gratx minhabba forza magguri izda tort tas-socjeta` konvenuta u jaghti diversi ragunijiet kif spjegat fl-aggravji tieghu.

Illi l-principji gwida f'kazijiet ta' forza magguri jew kaz fortwitu huma s-segwenti:
- Skont il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.

- F'kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut minhabba forza magguri, jew *casus* ghandu l-obbligu li jippruvah u dan sal-grad ta' probabilta`.

- Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza.

- Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem.

- Skont il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

- Il-*casus* jissusisti meta event ma jkunx prevedibbili u rezistibbili. Din il-prevedibilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili[5].

---

[5] (Ara fost ohrajn: Vol. XXIV p.I.p.172; Vol. XLVIII p.I. p.258;**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et***, Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938;**Carmelo Micallef vs Brigd. J.Belle Mc.Cance noe**. 7 ta' Frar 1953 P.A; **P.Vassallo et vs C.Pace** App. 5 ta' Marzu 1986; **C.Wismayer noe et vs Chev.A.Falzon 29 ta' April 1996; C.Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** App. 28 ta' Frar 2001; App Inf. **A.Delia vs Seg.Permanenti et** 19/5/2004/ u Volum XXXVII.ii.637 u XVIII.ii.164).

Aggravji

Nigu issa ghall-aggravji tal-appellant.

Dwar l-agir tas-socjeta` konvenuta l-ewwel Qorti ddecidiet li:

(i) Ma jirrizultax li l-gaffa tpoggiet fil-post bla ghaqal;

(ii) Il-gaffa ma thallietx hemm aktar milli mehtieg;

(iii) L-ilmenti tal-attur mas-socjeta` konvenuta ma kienux dwar perikolu.

**Fl-ewwel aggravju** l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx illi n-ness principali biex sehhet il-hsara kien illi l-gaffa tkaxkret tliet metri fi triq dejqa u ostakolat il-perkors tal-ilma.

Illi minn qari akkurat tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li l-Qorti fil-fatt ikkunsidrat din il-kwistjoni tan-ness bejn l-kawza u effett mad-danni sofferti u waslet ghall-konkluzjoni li d-danni ma gewx kawzati minhabba l-ezistenza u l-posizzjoni tal-gaffa, imma "biss minhabba l-qilla tal-elementi u forza magguri".

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-gaffa ma tpoggietx fil-post bla ghaqal. Da parti tieghu l-attur isostni li l-gaffa thalliet f'nofs it-triq, quddiem id-Dipartiment u meta ghamlet il-maltempata, ix-xita qawwija garret u qalbet dan il-makkinarju li spicca jimblokka l-perkors ta' ilma fi triq dejqa li gie ddevjat b'forza kbira fil-bini tad-Dipartiment u ghamel hsara kbira.

Il-perit Joseph Cachia, inkarigat mix-xoghol mis-socjeta` konvenuta, xehed li huma ma hallewx il-makkinarju quddiem il-bieb tad-Dipartiment imma fil-vicinanzi, fit-triq vicin id-Dipartiment. Huma hallew il-gaffa ggakkjata u ghalhekk kienet mghollija mit-triq b'mod li ma kienx hemm ostakolu biex l-ilma jghaddi[6]. Charles Polidano, *foreman*

---

[6] Fol 116.

mas-socjeta` attrici, ikkonferma li meta kienu jispiccaw mix-xoghol kienu jipparkjaw il-makkinarju taht hajt ftit ’il fuq mid-Dipartiment u mhux mal-hajt tieghu. Huma kienu dawru l-gaffa bil-*barriers* rabtu l-kompressur u ggakkjaw l-JCB[7].

L-ewwel Qorti qablet mas-socjeta` konvenuta li l-gaffa ma kienitx tithalla quddiem id-Dipartiment izda ftit aktar ’il fuq fit-triq, minn fejn pero` tkaxkret minhabba l-maltempata. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-gaffa kienet tigi pparkjata fil-posizzjoni ‘X’ indikata fir-ritratt a fol. 83, wara li jispiccaw mix-xoghol u mhux quddiem id-Dipartiment u ghalhekk minn dan il-lat  ma kienx hemm nuqqas ta’ ghaqal da parti tas-socjeta` konvenuta.

**Fit-tieni aggravju** l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti wkoll injorat xhieda mressqa mill-attur li qalu lill-kuntrattur biex inehhi l-makkinarju minn hemm u li kienu ser jiehdu passi kontrih.

George Catania, ghad-Dipartiment tal-VAT, xehed li hu kien ordna lill-Anthony Bray, (illum mejjet) biex ikellem il-kuntrattur jew lill-haddiema tieghu biex ifittxu jaghmlu x-xoghol li kien hemm bzonn quddiem l-ufficcju tal-VAT ghax kienu qeghdin joholqu inkonvenjent kbir ghall pubbliku li jmur d-Dipartiment. Jghid li huma insistew ukoll biex il-kuntrattur ilesti x-xoghol billi kien qieghed joqrob il-15 ta’ Settembru meta hafna nies imorru biex ihallsu l-VAT fid-Dipartiment.  Spicca biex qal li kien anke ghamel rapport l-ghassa sabiex is-socjeta` konvenuta ma thalliex il-makkinarju hemmhekk, izda ghalxejn[8].

Il-perit Cachia xehed li huwa ma kien ircieva l-ebda ilment mid-Dipartiment fuq ix-xoghol li kien qed isir.  Dan gie kkonfermat ukoll mill-*foreman* Charles Polidano[9] li qal li s-Sur Catania kien qallu biss biex iharsilhom ghan-nies biex ikunu jistghu jaqsmu u fil-fatt hu ghamlilhom il-pjanci bil-*barriers* u bil-*warning ta*pe biex in-nies ikunu jistghu jaqsmu minn fuq it-trinka[10].

---

[7] Fol 109.
[8] Fol 75.
[9] Fol 109.
[10] Fol 112.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ilmenti li kienu jsiru mid-Dipartiment lill-kuntrattur jew il-haddiema ma kienux minhabba xi perikolu li seta' kien hemm xi maltempata imminenti imma izjed minhabba l-inkonvenjent li kienu qed joholqu lill-pubbliku li jmur id-Dipartiment, partikolarment f'dak iz-zmien ta' Settembru meta jsir il-hlas tal-VAT. Ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta` konvenuta kienet inghatat xi preavviz li kien hemm perikolu imminenti ta' xi maltempata. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Fit-tielet aggravju** l-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti injorat il-klawsola tal-Memorandum ghall-Permessi TP4 ta' l-ADT li "makkinarju u ekwipaggament zejjed, jew li mhux qed jintuza ghandu jigi mnehhi minn fuq il-post tax-xoghol".

L-appellant fil-kaz odjern isostni li x-xoghol kien tlesta u s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda gustifikazzjoni biex thalli l-gaffa fejn hallietha *over the weekend.* George Catania ghall-attur jghid li fil-*weekend* tat-12 ta' Settembru 2003 il-haddiema kienu lestew it-trinka imma hallew il-gaffa quddiem id-Dipartiment.[11]

Skont il-Perit J. Cachia l-permessi li kellhom kienu jinkludu l-kundizzjoni *standard* li ma jhallux makkinarju zejjed u li ghandu jitnehha minn fuq il-post tax-xoghol. Hu spjega li lilu ma kienx jaqbillu jhalli l-makkinarju hemm ghax ikollu bzonnu fuq lant iehor.[12]

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta kienet ghaddejja bix-xoghol u kienet ghada kemm lestiet trinka ghalhekk halliet il-gaffa pparkjat mal-hajt *over the weekend*. Ghalhekk mhiex kwistjoni li s-socjeta` konvenuta halliet l-makkinarju aktar milli mehtieg billi hi kienet ghada kemm spiccat ix-xoghol.

<u>Qilla tal-elementi u forza magguri</u>

---

[11] Fol 76.
[12] Fol 115.

**Fl-ahhar aggravju** l-appellant jikkontendi li l-agir tas-socjeta` konvenuta kien dak li fil-fatt ikkaguna l-hsara ghax kieku l-gaffa ma thallietx fit-triq in vjolazzjoni tal-obbligi taghha l-hsara ma kienitx tirrikorri. Ifisser li skont l-appellant l-hsara grat tort tas-socjeta` konvenuta u mhux minhabba forza magguri.

Illi l-ewwel Qorti ddecidiet li l-incident in ezami gara minhabba l-qilla tal-elementi u forza magguri, u li dakinhar mhux biss il-gaffa ggarret mill-ilma imma anke karozzi ohra. Inoltre mhux il-gaffa biss kienet qed timblokka l-inlfuss tal-ilma imma kien hemm anke karozza ohra.

L-argument tal-appellant jibqa' wiehed u cioe` li s-socjeta` konvenuta kienet negligenti billi halliet il-makkinarju fi Triq il-Wied (ismu mieghu) minkejja diversi tentattivi mid-Dipartiment biex hi ma thallix il-makkinarju fit-triq in kwistjoni, meta x-xoghol kien tlesta, u meta setghet tissoponi li f'dak ix-xahar maltempati simili kienu prevedibbli.

Jirrizulta` pero` li, skont Mark Vella Gera, dakinhar tal-maltempata, tant kien hemm xita li tkaxkru diversi karozzi u saret hsara ma' Malta kollha. Mistoqsi jekk ix-xita setghetx tissejjah 'straordinarja' hu wiegeb li kellha tigi kkunsidrata bhala 'straordinarja' tant li ddeskriva r-*return* tieghu bhala li huwa xi *one hundred years* bejn wiehed u iehor[13]. Inoltre skont id-dokument esebit a fol 34 il-maltempata kienet laqtet Malta kollha u *"Birkirkara and Qormi were the worst affected and various cars were swept away"*. Dakinhar id-Dipartiment tac-Civil Protection ircieva 1000 *calls* ghal ghajnuna, *transport was paralysed and damage ran into millions of pounds*.

F'dan l-incident, avolja l-gaffa kienet iggakkjata u kienet tqila 9 tunnellati xorta wahda tkaxkret mill-ilma xi tliet metri u spiccat mgharrqa u maqluba  quddiem id-Dipartiment timblokka l-influss ta' ilma. Maghha spiccat karozza ohra, li kif jidher mir-ritratti a fol. 39 sa 56, kienet ukoll qed

[13] Fol 106.

izomm il-influss tal-ilma meta spiccat wkoll quddiem id-Dipartiment.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-hsara lamentata mill-appellant giet ikkawzata, kif qalet ukoll l-ewwel Qorti, mill-forza tal-ilma li nizlet dakinhar u s-socjeta` konvenuta ma tahtix billi danni sofferti gew ikkawzati minn forza magguri u ma kienx mistenni li s-socjeta` konvenuta tiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi pprevedut. Hi ma kienitx tenuta tipprevjeni kontra kalamitajiet ta’ dik ix-xorta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz minn l-ewwel Qorti. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------